MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 849/2003

**Perit Arkitett Rene Buttigieg**

**Vs**

**Doris Ellul**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab is-somma ta' Lm294.17c (mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) rapprezentanti dritt u spejjez kif intaxxati mill-Qorti fil-kawza Doris Ellul Vs Francis Camilleri (Citazz. 1615/94FDP).

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta sostniet li l-attur qatt ma nghata nkarigu bhala Perit Tekniku msemmija minnu.

Il-konvenuta qalet ukoll li:

- M'hemmx integrita' ta' gudizzju ghax kellhom jitharrku wkoll Dr Mark Chetcuti u Francis Camilleri.

- Li l-attur kellu jivverifika jekk kienx nominat u fil-fatt gie nominat Edgar Rossignaud.

- Li l-attur ma rrenda l-ebda servizz stante li l-konvenuta ma rceviet ebda rapport u r-rapport li seta' ghamel huwa nnutli.

- Il-konvenuta qatt ma tat ebda nkarigu lill-attur.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li jirrizulta minn dokument esebit a fol 13 tal-process li nhareg kont mill-Qorti ta' l-ammont mitlub mill-attur f'din il-kawza. Liema kont gie debitament notifikat. Il-konvenuta naqset li tiehu proceduri biex twaqqa' dan il-kont.

Jirrizulta mill-Affidavit ta' Dr Mark Chetcuti li kkonferma li bhala Perit Legali kien kellem lill-attur li mbaghad ghamel access.

F'dan il-kaz jirrizulta mhux kontestat li l-attur ghamel ix-xoghol professjonali u l-kont inhareg mill-Qorti wara li gie nformat anki mill-avukat tal-konvenuta li hu kien il-Perit Tekniku f'din il-kawza. Waqt l-access hadd ma qal li l-Perit ma kienx nominat.
Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas Lm294.17c (mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------